MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 27/1999/1

**Carmela armla Cassar, Angelo Cassar, Josephine Sultana,**
**Jane Ellul, Vickey Azzopardi, Mary Attard**

**v.**

**Il-Prim Ministru ta' Malta Dottor Eddie Fenech Adami fil-kwalita` tieghu ta' Ministru Responsabbli mill-Forzi Armati ta' Malta u b'digriet tal-11 ta' Lulju 2006 il-gudizzju gie trasfuz f'isem il-Prim Ministru Lawrence Gonzi**
**fil-kwalita` tieghu ta' Ministru responsabbli mill-Forzi Armati ta' Malta stante li llum**
**Dr. Eddie Fenech Adami m'ghadux Prim Ministru;**

**Il-Kap. Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta u dan in rapprezentanza ta' l-istess Forzi Armati; Paul Cardona u ghal kull interess li jista' jkollha martu Mary Cardona.**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1.1. Dan hu appell interpost mill-konvenut Paul Cardona minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali, fit-3 ta' Lulju 2007, ghal fini ta' revoka, u li fiha l-Qorti tal-ewwel grad iddecidiet billi:
"(1) Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Paul Cardona u tilqa' t-talbiet attrici limitatament fil-konfront tieghu u tiddikjara lil Paul Cardona unikament responsabbli ghall-incident li sehh bejn it-tlieta (3) u l-erbgha (4) ta' Frar tas-sena elf disgha mija u tmienja u disghajn (1998) li fih inqatel Eucharistico Cassar, tikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' **tmienja u tletin elf mija u disgha u tmenin lira Maltija (Lm38,189)** bhala danni li qeghdin jigu likwidati, bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.

"(2) Tichad it-talbiet attrici in kwantu dawn huma ndirizzati fil-konfront tal-konvenuti l-ohra.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenut Paul Cardona, hlief ghall-ispejjez tal-konvenuti l-ohra li ghandhom ikunu a karigu tal-atturi."

1.2. Din id-*decide* giet milhuqa wara li dik il-Qorti rriteniet kwantu segwe:
"Il-Qorti,

"Kawza ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni wara mewt fuq post tax-xoghol fejn l-atturi qeghdin jallegaw li l-konvenut spara arma tan-nara u qatel lill-membru tal-familja taghhom.

"Rat ic-citazzjoni prezentata fit-18 ta' Frar 1999 li permezz taghha l-atturi ppremettew illi:-

“Fil-lejl ta’ bejn it-tlieta (3) u l-erbgha (4) ta’ Frar tal-elf disgha mija u tmienja u disghajn (1998) miet Eucharistico Cassar iben l-attrici Carmela armla Cassar u hu l-atturi l-ohra.

“Din il-mewt sehhet konsegwenza ta’ feriti ta’ arma tan-nar waqt li l-istess Eucharistico Cassar kien fuq dmirijietu ghax-xoghol bhala gunner mal-Forzi Armati ta’ Malta fil-barracks tal-Qorti, Nadur, Ghawdex.

“L-incident li wassal ghall-mewt ta’ l-imsemmi Eucharistico Cassar sehh unikament bhala rizultat ta’ traskruragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti relattivi da parti tal-konvenuti jew min minnhom.

“Eucharistico Cassar miet intestat u l-atturi bhala ommu u hutu huma l-eredi tieghu skond il-Ligi.

“Minkejja li l-atturi nterpellaw lill-istess konvenuti sabiex jersqu ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni minnhom konsegwenti ghall-mewt tal-istess Eucharistico Cassar, dawn baqghu inadempjenti.

“Talbu l-atturi sabiex il-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandix:-

“1. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghall-incident fuq imsemmi, li minhabba fih tilef hajtu Eucharistico Cassar.

“2. Tillikwida, okkorrendo permezz ta’ perit mahtur ghal dan il-ghan minn din l-Onorabbli Qorti, d-danni kollha sofferti mill-atturi minhabba l-istess incident.

“3. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi d-danni kollha hekk sofferti u likwidati.

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata fis-26 ta’ Marzu 1999 mill-konvenuti Paul u Mary konjugi Cardona li permezz taghha eccepew:-

"1. Illi t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt u fid-dritt u dana peress li ghall-mewt ta' Eucharistico Cassar m'huwiex responsabbli bl-ebda mod l-eccipjenti Paul Cardona.

"2. Il-mewt ta' Eucharistico Cassar waslet unikament minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti relattivi da parti ta' l-istess mejjet u mhux kif indikat fid-dikjarazzjoni tal-atturi minhabba xi nuqqas tal-konvenuti, fost il-konvenuti l-ohra.

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenuti l-Prim'Ministru u l-Kmandant tal-Forzi Armati[1] li permezz taghha eccepew:-

"1. Preliminarjament il-Prim Ministru u l-Kmandant tal-Forzi Armati mhumiex il-legittimi kontraditturi f'din il-kawza u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante illi ma hemm l-ebda ness kawzali bejn l-incident li kkawza l-mewt ta' Eucharistico Cassar u dawn il-konvenuti.

"2. Subordinatament u bla pregudizzju, l-ebda responsabbilta' ma hi imputabbli fil-konfront tal-Kmandant tal-Forzi Armati jew tal-Prim Ministru ghall-incident fuq riferit u ghalhekk it-talbiet attrici huma bla bazi guridika u fattwali.

"Rat l-atti kollha tal-kawza.

"Rat in-noti ta' sottomissjonijiet li gew prezentati mill-atturi u mill-konvenuti konjugi Cardona.

"Rat li fis-seduta tas-7 ta' Frar 2007 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

"Ikkunsidrat:-

"1. Il-fatti rilevanti ghal dan il-kaz huma s-segwenti:-

[1] Fol. 39.

- “L-attrici Carmela Cassar hija l-omm filwaqt li l-atturi l-ohra huma ahwa ta’ Eucharistico Cassar li miet fil-lejl bejn it-3 u l-4 ta’ Frar 1998.
- “Eucharistico Cassar kien gunner mal-Forzi Armati ta’ Malta.
- “Il-mewt kienet kagunata minn tir sparat minn arma tan-nar waqt il-hin tax-xoghol. It-tir laqtu f’rasu u l-mewt kienet wahda istantenja.
- “Il-konvenut Paul Cardona kien ukoll suldat mal-Forzi Armati ta’ Malta, u meta sehh l-incident kien ilu xi tmintax-il sena mal-Forzi Armati ta’ Malta.
- “Paul Cardona kien irrilaxxa zewg stqarrijiet lill-pulizija. Fl-ewwel wahda li saret fil-5 ta’ Frar 1998[2] kien irrakkonta kif kien pogga l-arma fuq mejda u f’hin minnhom dahal Eucharistico Cassar sabiex jiehu l-arma u jibda l-hin ta’ l-ghassa tieghu. Kompla jirrakkonta kif il-vittma qabad l-arma f’idejh u f’hin minnhom sema’ hoss ta’ arma tas-servizz u ra lill-vittma jaqa’ mal-art. F’din l-ewwel stqarrija l-konvenut Paul Cardona rrakkonta li Eucharistico Cassar kien spara ghall-rasu. Fit-tieni stqarrija li ghamel fl-14 ta’ April 1998[3] huwa biddel il-verzjoni u ddikjara li kien hu li spara l-arma. Din it-tieni stqarrija kienet giet ikkonfermata bil-gurament xi jiem wara quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

“2. Il-punt in kontestazzjoni huwa dwar min spara l-arma, il-vittma jew il-konvenut Paul Cardona. Rajna kif il-konvenut Paul Cardona kien ghamel zewg stqarrijiet li huma dijamettrikament opposti ghal xulxin. Fil-kors tal-proceduri l-konvenut Cardona xehed li hu qatt ma spara l-arma tan-nar. Madankollu mill-provi li tressqu l-Qorti m’ghandha l-ebda dubju li l-arma tan-nar giet sparata mill-konvenut Paul Cardona. Mill-provi rrizulta kif:-

“(a) Il-konvenut Paul Cardona kien ghamel it-tieni stqarrija fejn ikkonferma li kien hu li spara l-arma. Fil-process kriminali l-konvenut kien xehed li din it-tieni stqarrija kien ghamilha ghaliex kien imbezza’ li kien ser jigi msawwat mill-pulizija. Il-Qorti hi tal-fehma li din il-

[2] Fol. 318.
[3] Fol. 321.

biza' li jghid li kellu Paul Cardona kienet dovuta sempliciment ghal fatt li kien irrejalizza li l-ewwel storja li kien ta ma kienitx kredibbli. Sahansitra, jirrizulta li meta deher quddiem il-Magistrat Inkwirenti huwa kkonferma l-istqarrija fl-intjier taghha, u dan ghamlu bil-gurament. Fl-ebda hin ma jirrizulta li allega li kienet giet ezercitata xi pressjoni fuqu. Kien biss meta xehed fil-proceduri kriminali[4] li allega li l-istqarrija li kien ghamel ma kienitx wahda volontarja. Il-konvenut kellu kull opportunita' li meta xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti jirtira jew jispjega x'kien wasslu biex jaghmel it-tieni stqarrija, jew seta' jirrifjuta li jikkonfermaha bil-gurament. Minn dan kollu m'ghamel xejn u stenna dak iz-zmien kollu biex allega li saret pressjoni fuqu mill-pulizija. Din mhi xejn ghajr skuza min-naha tal-konvenut. Il-konvenut ma setax ixejjen l-effett tat-tieni stqarrija li ghamel u li kkonferma minn jeddu bil-gurament, sempliciment billi jaghti verzjoni ohra u jallega li kien qieghed jagixxi minhabba biza'. Dikjarazzjoni li ma giet bl-ebda mod korraborata.

"(b) Il-ferita fil-vittma kienet wara l-widna u l-arma ntuzat b'mod orrizontali. Skond l-espert forensiku (Mario Scerri):- *"mistoqsi jistax ikun illi dan il-kaz jixbah hafna wiehed ta' suwicidu, nghid illi fid-dinja ma tista' teskludi xejn,* ***pero' mhuwiex probabbli****. Dan minhabba l-mod orrizzontali li intuzat il-pistola biex giet sparata u l-ferita fejn qeghda. Inzerta li l-ferita qeghda wara l-widna. Dawn iz-zewg fatturi, bil-ferita wara l-widna u l-mod orizzontali kif giet sparata l-pistola, mhumiex indikattivi ta' suwicidju. Dana abbinat mal-fatt illi l-pistola sibtha fuq in-naha tax-xellug, mentri giet sparata fuq in-naha tal-lemin, ikompli jsahhah din it-tezi"*[5]. Il-posizzjoni ta' fejn instabet l-arma (fuq in-naha tax-xellug tal-vittma), meta l-arma giet sparata minn fuq il-lemin, hija konferma ohra li dan ma setax kien kaz ta' suwicidju. Bl-istess mod il-post minn fejn dahlet il-balla f'ras il-vittma (wara l-widna l-leminija) m'hijiex kompatibbli mal-verzjoni li kien il-vittma li spara ghal rasu. Konsiderazzjoni ohra hi li mill-provi ma rrizultax li kien hemm xi motiv biex il-vittma iwettaq suwicidju. Ma

[4] 13 ta' Ottubru 2000.
[5] Fol. 97.

rrizultax li meta sehh l-incident il-vittma kelllu xi problemi jew kien ghaddej minn xi krizi. Is-suwicidju m'huwiex xi att kazwali.

"(c) Lawrence Galea li kien prezenti fil-kamra fil-hin ta' l-incident, ikkonferma kif meta sema' t-tir huwa hares u ra lill-konvenut Paul Cardona *"jallontana idejh bil-pistola f'idejh minn ma' ras Cassar u jitlaqha ma' l-art"*[6]. Kollega iehor tal-konvenut xehed li semghu jghid:- *"xi grali, xi grali, se niggennen, se mmur naqbez. Issa jiena se nlaqqatha, se nigi fit-trouble. Meta jiena staqsejtu: "imma x'gara ?", Cardona qalli li l-arma hadet f'idu"*[7].

"3. Kif tajjeb qalet il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **<u>Joseph Cassar et vs Lawrence Castagna et</u>** deciza fis-7 ta' Frar 2007, *"xejn ma josta illi jsir konfront bejn il-provi rakkolti fiz-zewg sedi – dik civili u dik penali - ghall-fini ta' l-attendibilita` taghhom u ta' l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja (**Kollez. Vol. XXXIX P II p 768**) u hekk ukoll xejn ma jzomm milli tigi esebita sentenza kriminali f' proceduri civili (**Kollez. Vol. XLII P II p 868**)"*. F'dan il-kaz meta jsir dan l-ezercizzju wiehed jikkonferma kemm il-konvenut Paul Cardona m'huwiex ighid is-sewwa u qieghed jerga' jbiddel il-verzjoni moghtija minnu permezz tat-tieni stqarrija fit-tentattiv iddisprat tieghu biex jipprova jahrab mir-responsabbilta'. It-twegibiet moghtija mill-konvenut Paul Cardona fil-kors tal-kontro-ezami li sarlu fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2006[8] m'huma konvincenti xejn. Mistoqsi biex jispjega x'wassal ghal dan il-biza' u pressjoni li jghid li saret fuqu mill-pulizija, ma tax dettalji u fil-fehma tal-Qorti kien evaziv (ara per ezempju fol. 291 u 292). Dak li jallega l-konvenut Cardona ma gie bl-ebda mod ammess mill-pulizija li nvestigaw il-kawza. L-Ispettur Carmelo Bartolo xehed fil-process kriminali:- *"meta interrogajna lill-imputat wara illi gie lura mis-safar, ahna sempliciment stqsejnieh ried jaghtina l-versjoni proprja ta' kif gara l-incident u kien hu minn rajh illi tana dawn id-dettalji"* (fol. 64). Sahansitra

[6] Fol. 135.
[7] Fol. 166.
[8] Fol. 290-306.

iktar ‘il quddiem fil-kors tal-kontro-ezami, il-konvenut wasal biex ighid hekk[9]:-

“***“Dr. Georgine Grech: Mill-kliem li hemm miktub fl-istqarrija ma hemm xejn li hareg minn halqek ?***

“***Konvenut: Ie, ma kienx hemm”***.

“Imbaghad zewg linji wara jghid li dik il-verzjoni li nsibu fit-tieni stqarrija saret fuq kliem li ntqal mill-konvenut Cardona *“….imma bil-pressjoni taghhom ghidtu”* (fol. 303). Dikjarazzjoni li tkompli tikkonferma kemm il-konvenut m’huwiex koerenti fix-xhieda tieghu. Rilevanti wkoll li ssir riferenza ghall-bran ta’ domandi li kienu jirreferu ghal fatt li l-konvenut kien ikkonferma it-tieni stqarrija bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti[10]:-

“*“Dr. Georgine Grech: ….. Quddiem il-Magistrat x’hin talbek tikkonferma l-istqarrija bil-gurament, taf x’kont qieghed taghmel, le?*

“*Konvenut: Ha nghidlek, jiena ppruvajt, lanqas Avukat ma kelli. Ma stajtx nghid lill-Avukat xi grali u ma gralix. Ghalhekk grali li grali jiena.*

“*Dr. Georgine Grech: Mhux qed nistaqsik x’ghidt lill-Avukat. Qed nistaqsik kontx taf li qieghed tikkonferma l-istatement tieghek bil-gurament? iva jew le?*

“*Konvenut: Bil-gurament kont.*

“*Dr. Georgine Grech: Iva. U kont taf li kien inghatalek il-gurament, kont taf?*

“*Konvenut: Meta gejt quddiem il-Magistrat bilfors kont naf.”*

“Dikjarazzjonijiet li jkomplu jikkonvincu lill-Qorti li dakinhar il-konvenut Cardona kien qieghed ighid is-sewwa. Il-

9 Fol. 303.
10 Fol. 294.

verzjoni tal-fatti moghtija minn Paul Cardona fil-kors tal-proceduri kriminali u f'dawn il-proceduri dwar kif sehh l-incident, m'hijiex korraborata. Il-konvenut kellu kull opportunita', kieku ried, li jressaq bhala xhieda lil dawk li kienu prezenti fil-hin ta' l-incident. Ghazel li ma jressaqhomx ghal ragunijiet ovvji. Fil-fehma tal-Qorti l-provi juru bla ebda ombra ta' dubju li l-arma ma kienitx sparata mill-vittma. Lanqas ma gie mplikat xi persuna ohra li seta' spara l-arma. Fit-tieni stqarrija li ghamel fl-14 ta' April 1998 il-konvenut iddeskriva b'mod dettaljat dak li gara dakinhar ta' l-incident sal-mument li spara l-arma u qatel lil siehbu. Il-Qorti ma temminx li dak li ntqal kienet storja vvintata mill-konvenut Cardona dak il-hin tal-interrogatorju. Inoltre, t-tezi tal-konvenut li l-investigazzjoni li ghamlu l-pulizija ma kienitx tajba, ma giet bl-ebda mod provata u anzi l-provi juru l-oppost.

“4. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu il-konvenut Paul Cardona qiesu qieghed jippretendi li din il-Qorti m'ghandix tikkunsidra x-xhieda li tressqet fil-proceduri kriminali. Hawnhekk il-Qorti trid tfakkru li kopja tat-traskrizzjoni tqieghedet f'dawn l-atti wara s-seduta tas-17 ta' Gunju 1999 (fol. 48) fuq ordni tal-Qorti u qabel is-seduta tat-13 ta' Jannar 2000. Fl-ebda stadju ma rrizulta li l-konvenut irregistra xi oggezzjoni. Dan apparti l-fatt li fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2000 gie verbalizzat hekk *“Bi ftehim bejn il-partijiet, il-Qorti tordna li jigu allegati f'din il-kawza xhieda addizzjonali u li mhumiex gia inseriti f'dawn l-atti li jinsabu u li gew mismugha fil-kumpilazzjoni relattiva”*. Ghalhekk l-argument tal-konvenut Paul Cardona ma jistax iregi. Il-Qorti ghandha kull dritt tqies din ix-xhieda sabiex tara min qieghed ighid il-verita'.

“5. L-agir tal-konvenut Paul Cardona kien certament wiehed ta' negligenza grossolana u traskuragni meta pponta arma tan-nara ma' ras il-kollega tieghu u sahansitra spara. Agir li lanqas ma jmissu jsir fejn wiehed ikun cert li l-pistola ma jkollix balal fiha, jekk mhux meta jkollu l-intenzjoni li juza l-arma. Kif tajjeb gie sottolinejat mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Carmelo Grech pro et noe vs Benedetto Camilleri noe** Appell Civili 14 ta' Dicembru 1979, rigwardanti azzjoni ghad-danni kagunati minn

senter waqt kacca:- *"Illi fil-fehma tal-Qorti, arma tan-nar bhas-senter in kwistjoni hi oggett inerentement perikoluz. Bl-akbar facilita` tista' toqtol, tferi jew tiddanneggja. Bhala regola, aktar ma tkun kbira l-potenzjalita` tal-perikolu tal-oggett uzat, akbar ghandha tkun id-diligenza u l-prudenza ta' min juza l-istess oggett, l-utent ta' arma tan-nar ghandu juza l-akbar grad ta' diligenza. Diversament, is-sikurezza u l-inkolumita` ta' terzi tigi serjament pregudikata"*. Meta ghamel it-tieni stqarrija, il-konvenut qal li dak li ghamel kien biss cajta. Din mhi l-ebda skuzanti u jrid igorr ir-responsabbilta' tal-gennata li ghamel u li waslet biex persuna titlef hajjitha intortament. F'dan ir-rigward issir ukoll riferenza ghax-xhieda moghtija mill-Brigadier Maurice Calleja fil-proceduri kriminali[11] li:-***"Huwa regolament bazi fl-Armata illi arma, hi x'inhi, m'ghandha qatt tigi ppuntata lejn persuna, lanqas meta l-handler ikun mija fil-mija (100%) cert illi hija vojta jekk il-handler ma jkollux l-intenzjoni minn qabel illi dik l-arma ghandha tintuza"***. Fatti li huma kkonfermati wkoll mir-regolamenti (Standing Orders-Armed Forces of Malta), kopja ta' liema jinsabu ezebiti fl-atti tal-kawza. Bl-istess mod il-Kurunell Mario Schembri xehed li wiehed mir-regolamenti li jigu mghallma lis-suldati huwa li ***"l-arma ma ghandek tippuntaha lejn hadd hlief meta trid taghmillu l-hsara litteralment. Anke meta tkun vojta, jekk bniedem jinqabad jaghmel dawn l-affarijiet jaqla' charge zgurissimu. Anke jekk b'cajt jew taf li hija vojta, mghallmin biex ma naghmluhiex biex dak li jkun ikun cert"***[12]. Ix-xhud ipprezenta kopja ta' dawn ir-regolamenti (fol. 275-277). Wiehed lanqas ma jrid jinsa li l-konvenut Cardona kien ilu snin twal fl-Armata u zgur li kien jaf dawn ir-regoli bazici.

"6. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-konvenut Paul Cardona semma' diversi cirkostanzi li fil-fehma tieghu jiskolpawh mill-htija. Hekk per ezempju jghid li l-investigaturi ma sabux *finger-prints* fuq l-arma. Il-konvenut jidher li qieghed jinsa li skond ix-xhieda li ta fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2005 (fol. 280) kien hu li ta l-arma

[11] Ara fol. 120.
[12] Fol. 272. Xhieda moghtija fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2004.

lill-vittma. Anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss ma kienx hemm fingerprints tieghu fuq l-arma, ifisser awtomatikament li ma kienx hu li spara l-arma ? Certament li le. Dan apparti li fl-atti processwali m'hemm l-ebda prova teknika li tikkorabora din l-allegazzjoni tal-konvenut Cardona. Dwar li ma nstabux polvri taht difrejh dan qieghed ighidu l-konvenut. Anzi mill-provi jirrizulta li *"il-kwantita' ta' GSR li sibna fuq is-swab mehuda minn fuq l-imputat Cardona teskludi l-possibilita' li dawn setghu gew hemmhekk biss b'kontaminazzjoni"* u anzi gie kkonfermat li kien hemm *"koncentrazzjoni qawwija ta' GSR fuq il-persuna ta' l-imputat Cardona"* (fol. 151). Certament li l-konvenut Paul Cardona jrid iwiegeb ghall-agir tieghu u d-danni li kkaguna meta spara u qatel lil Eucharistico Cassar. Il-Qorti ma tista' ssib l-ebda htija min-naha tal-vittma ghal dak li gara. Ghal dak li jirrigwarda l-konvenuta l-ohra, Mary Cardona, il-Qorti ma tistax issibha responsabbli ghall-agir ta' zewgha u m'ghandhiex taghmel tajjeb ghad-danni li kkawza l-konvenut Paul Cardona. Il-konvenuta Mary Cardona ma ppartecipat bl-ebda mod f'dan l-incident.

"7. Fir-rigward tal-konvenuti Prim'Ministru ta' Malta u l-Kap. Kmandant tal-Forzi Armati, dawn ma jahtu bl-ebda mod ghall-incident meritu tal-kawza. Mill-provi ma jirrizultax li dawn il-konvenuti ghamlu xi haga jew naqsu milli jaghmlu xi haga li wassal ghad-danni sofferti mill-atturi. L-atturi ghandhom l-obbligu li jipprovaw pozittivament il-htija u r-responsabbilta tal-konvenuti kemm ghall-fatt li sehh l-incident u kif ukoll ghad-danni konsegwenzjali. Huwa lill-atturi li tinkombi, skond ir-regoli komuni ta' dritt, il-prova tal-*culpa*. Fil-fehma tal-Qorti l-atturi ma rnexxielhomx jaghtu prova ta' xi responsabbilta' min-naha ta' dawn iz-zewg konvenuti. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom l-atturi jsostnu li l-konvenut Kmandant tal-Forzi Armati huwa responsabbli ghall-akkadut ghaliex l-arma li ntuzat kienet ghadha gdida u s-suldati ma kienux inghataw tahrig dwar kif tintuza. Ghalkemm jista' jkun minnu li din kienet arma gdida u s-suldati kienu ghadhom ma nghatawx tahrig fuqha, mid-dikjarazzjoni li ghamel il-konvenut Paul Cardona lill-pulizija fl-14 ta' April 1998 u li giet sussegwentement

ikkonfermata minnu quddiem il-Magistrat Inkwirenti ma jirrizultax li dan ma kienx jaf juzaha. Lieutant Marshal Mario Schembri fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2004 xehed hekk fir-rigward ta' arma gdida:- *"Ghandek dawn l-affarijiet bazici. Meta nghidu arma gdida, l-armi semi awtomatici kollha l-istess jahdmu; kollha bl-istess principju. Jekk inti gbidt il-bridge lock tellajt il-balla, telghet fuq, awtomatikament gie kkokkjat il-hammer. Malli tigbed it-trigger, il-grillu, il-hammer jinzel u jispara. Kollha l-istess jahdmu. Ma' l-isparatura l-bridge block terga' titlaq lura wehidha permezz tal-cartridges li jintremew u tobzoq il-cartridge l-vojt u ttella' ohra mill-magazin. Kollha l-istess procedura. Id-differenza li jkollok bejn arma w ohra hija kif jidhol il-magazin taht, kif tirrilisjah, fejn qieghed is-safety catch, hekk hux qieghed in-naha jew din in-naha, u t-toqol taghha, il-feel ahna nghidulha. Il-bqija huma kollha l-istess"*[13].

"8. Ghalkemm huwa minnu li l-principal ghandu joffri lill-haddiem *a safe system of work* fis-sens li l-post tax-xoghol ma jkunx ta' periklu u riskju ghas-sahha, il-konvenut Paul Cardona ghamel xi haga li qatt ma kellu jaghmel u li ebda ammont ta' tahrig ma kien ser ibiddel. Hu naqas milli jhares ir-regoli bazici li kull suldat jinghata tahrig fuqu. Xi htija ghandu l-Kmandant tal-Forzi Armati jekk suldat ghogbu jaqbad arma jpoggiha ma' ras wiehed mill-kollegi tieghu u jaghfas il-grillu, u din inzertat kellha l-balal fiha ? M'ghandekx ghalfejn tkun suldat imharreg fl-armi biex tkun taf li m'ghandek qatt ticcajta bl-armi u meta taghfas il-grillu l-arma ser tiehu. Ix-xhud Mario Schembri kompla jikkonferma li wiehed qatt ma ghandu jkollu subghajh fuq il-grillu jekk ma jkollux il-hsieb li jispara l-arma[14]. Lanqas ma jirrizulta li din l-arma hadet minhabba xi difett. Il-provi juru li l-arma hadet ghaliex il-konvenut Paul Cardona ghafas il-grillu, meta l-konvenut kien taht l-impressjoni li ma kienx hemm balal fl-arma. L-ambjenti tax-xoghol tas-suldati fih innifsu jgieb mieghu certu periklu, pero' zgur li hadd ma seta' jobsor li l-konvenut Paul Cardona jaghmel gennata bhal dik li ghamel li waslet

[13] Fol. 272.
[14] Fol. 273.

ghall-mewt ta' kollega fuq il-post tax-xoghol. Mir-rakkont moghti mill-konvenut Paul Cardona fl-istqarrija li saret lill-pulizija fl-14 ta' April 1998 (fol. 322) jirrizulta li hu kien jaf kif juza din l-arma u kkonferma li fil-hin li spara *"….kont bl-arma tan-nar hdejn ras il-Gunner Eucharist Cassar u kelli f'mohhi li l-arma kienet vojta u safe"*. Apparti l-fatt li l-konvenut qatt ma kellu jaghmel l-arma ma' ras il-kollega tieghu u wisq inqas jispara, lanqas ma kellu jipprezumi li l-arma kienet vojta. Il-konvenut qal li dak li ghamel kien b'cajta (fol. 322). Certament li din m'hijiex kwistjoni ta' nuqqas ta' tahrig, imma frott ta' agir irresponsabbli min-naha tal-konvenut Paul Cardona.

"9. Ghal dak li jittratta l-likwidazzjoni tad-danni, il-Qorti thoss li wasal z-zmien li l-legislatur jipprovdi regoli *ad hoc* ghal dawn it-tip ta' kawzi. Sal-lum hafna jiddependi mid-diskrezzjoni tal-gudikant[15]. Kif tajjeb gie osservat fil-kawza **Emmanuela Galea proprio et noe vs Paolo Gatt et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Novembru 1958, *"wiehed ghandu jara illi l-ligi, biex tkun gusta, ghandha tassigura illi t-telf pekunjarju u patrimonjali li bata min sofra l-hsara ghandu jkun, kemm jista' jkun, rizarcit. Il-principju hu li l-patrimonju tal-vittma ghandu, jigi, jekk jista' jkun, intermanent re-integrat, b'mod li l-eredi tal-mejjet jitqeghdu kemm jista' jkun fl-istess posizzjoni li fiha kienu jkunu kieku d-disgrazzja ma gratx"*. Wiehed irid jiftakar li hawnhekk qeghdin fil-kamp ta' responsabbilta' civili, fejn il-principju ghandu jkun li l-vittma tigi kkumpensata ghat-telf li tkun garrbet. Principju li ma jigix osservat fejn il-vittma tircievi iktar mit-telf li tkun sofriet. Wiehed irid jiftakar li l-iskop ta' responsabbilta' civili huwa li tipprovdi kumpens u mhux sabiex tikkastiga lil min ikun ikkaguna l-hsara b'eghmilu. Huwa fatt ukoll li kull kaz ghandu l-fattispjecie tieghu. Madankollu jinhass il-htiega li l-Qrati jkollhom provvedimenti iktar aggornati ghaz-zmenijiet u li jkollhom l-principji delinejati b'mod car u li jevitaw sentenzi li jikkontradixxu lil xulxin. Il-ligi tista' tghid hi l-istess li kienet tapplika meta kienet tipprovdi ghall-massimu ta'

[15] Ara per ezempju sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Carmela Fenech proprio et noe vs Antonio Galea** deciza fid-9 ta' Marzu 1956 (Vol. XL.i.70).

£1,200 bhala indennizz, fejn il-hsara ma tkunx giet kagunata dolozament.

“10. Skond **l-Artikolu 1046** tal-Kodici Civili (Kap. 16):-

“*“Jekk minhabba l-eghmil li jaghti lok ghad-danni xi hadd imut, il-qorti tista’, flimkien mat-telf u spejjez attwali ikkagunati,* ***taghti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bhal fil-kaz ta’ inkapacita’ totali ghal dejjem****, skond id-disposizzjonijiet ta’ l-ahhar artikolu qabel dan”*.

“Azzjoni li hi moghtija lill-werrieta. Il-ligi ma tghidx li min jaghmel l-azzjoni jrid ikun dipendenti. Fil-fatt fil-kawza deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza **Ronald Petrie et vs Sebastiano Ciappara** deciza fit-22 ta’ Gunju 1964[16], gie osservat li *“mhux korrett u mhux gustifikat mill-kliem tal-ligi dak li qalet l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sens illi biex jista’ jinghata dan l-indennizz jehtieg li jkun hemm certa dipendenza ta’ l-eredi mill-awtur taghhom jew ahjar mill-qliegh li dan kien jaghmel jew ragjonevolment kien mistenni li jibda jaghmel”*. Hawn ukoll jehtieg l-intervent tal-legislatur. X’inhi l-posizzjoni fejn il-mejjet ihalli warajh dipendenti li m’humiex eredi tieghu. F’dawn ic-cirkostanzi xi drittijiet ghandhom id-dipendenti tad-decujus?

“L-Artikolu ta’ qabel (1045(1) tal-Kap. 16) jikkontempla erbgha (4) tipi ta’ danni u cioe`:-

“(i) Telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara;
“(ii) L-ispejjez li dina l-parti (li sofriet il-hsara), tkun ghamlet minhabba l-hsara;
“(iii) It-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali;
“(iv) **It-telf ta’ qliegh li tbati ’il quddiem minhabba nkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta’ igib**.

“Skond l-istess provvediment (Artikolu 1045(2) tal-Kap. 16) fil-valutazzjoni ekonomiku tal-inkapacita’ ghandhom jigu kunsidrati:-

[16] Vol. XLVIII.i.364.

"(i) Ic-cirkostanzi tal-kaz;
"(ii) Ix-xorta u grad ta' nkapacita' kkagunata; u
"(iii) Il-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

"Hi ferm rilevanti l-osservazzjoni li ghamlet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Victor Savona proprio et nomine vs Dr. Peter Asphar et** deciza fit-23 ta' Gunju 1952[17]:- *"Fl-applikazzjoni ta' din id-disposizzjoni* (igifieri Art. 1045) *l-Qorti ghandha zzomm quddiem ghajnjeha l-izvilupp li, in konsegwenza tat-tibdil taz-zminijiet fil-kors ta' kwazi mitt sena minn mindu giet maghmula d-disposizzjoni originali, impona l-emdnti ta' l-1938. Meta Sir Adrian Dingli (kif jidher mill-Annotazzjonijiet tieghu) dahhal dawn id-disposizzjonijiet, ftit wara l-ewwel nofs tas-seklux dsatax, fil-Koidici Malti, hu kien preokkupat li jillimita kemm jista' l-ammont tal-lucrum cessans…….altriment, qal dak il-gurekonsult, 'si potrebbe cagionare la rovina del dannegiante'; u zied ighid 'il limite e' una norma alla Corte tutta nuova'"*. F'din l-istess sentenza l-Qorti kkonfermat ukoll li fil-likwidazzjoni tad-danni ma jezistux regoli fissi u inflessibbli, u kollox ikun jiddependi mic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz.

"11. L-azzjoni li ntavolaw l-atturi hi a bazi ta' l-Artikolu 1046 tal-Kodici Civili u qeghda ssir *iure proprio*, tant li wahda mill-premessi tac-citazzjoni hi li huma l-eredi ta' Eucharistico Cassar[18]. Minn qari tal-istess citazzjoni jirrizulta li l-atturi qeghdin jitolbu d-danni li jsostnu li sofrew b'rizultat tal-mewt ta' Eucharistico Cassar. Fil-fatt it-tieni talba taqra hekk:- *"tillikwida, okkorrendo permezz ta' perit mahtur ghal dan il-ghan minn din l-Onorabbli Qorti, d-danni kollha sofferti mill-atturi minhabba l-istess incident"*. Il-Qorti taqbel perfettament mal-insenjament espress mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Salvatore Cortis et vs Cecil Baker nomine deciza fil-31 ta' Jannar 1997**:-*"l-fatt li l-legislatur uza l-kelma "eredi" mhix per se konklussiva li l-azzjoni hi moghtija 'jure haereditatis' ghax biex azzjoni tkun tali qabel xejn tkun tirrigwarda xi beni li kien ga fil-*

[17] Vol. XXXVI.i.181.
[18] *"Peress illi Eucharistico Cassar miet intestat u l-atturi bhala ommu u hutu huma l-eredi tieghu skond il-Ligi"* (fol. 1).

*patrimonju tad-decujus qabel ma miet ... ghalhekk l-interpretazzjoni li trid tinghata lill-Artikolu 1089 (illum Artikolu 1046) mhix dik li l-eredi fih imsemmija huma vestiti b' dik l-azzjoni bhala dritt lilhom trafuz mill-vittma, izda inveci li, ghalkemm huma jikkonsegwixxu dak id-dritt minhabba l-mewt tieghu,* ***dan isir ope legis u bhala dritt proprio taghhom****, li hu koncett sostanzjalment differenti, u ghalhekk mhuwiex dritt recepit mill-massa ereditarja, ghax hawn mhux qed nitkellmu izjed fuq it-trasmissjoni ordinarja lill-eredi tieghu tad-drittijiet minnu akkwistati waqt hajtu taht l-Artikolu 1088 (Artikolu 1045) u li ma kellux zmien jesperixxi ghalih innifsu sakemm miet, izda fuq ordni iehor ta' ideat".* Mela l-azzjoni m'hijiex *ope successionis* imma bhala dritt proprju. Il-Qorti taf li tezisti gurisprudenza li f'dawn it-tip ta' kawzi l-werrieta jkunu qed jagixxu bhala successuri fid-drittijiet tal-istess vittma tal-akkadut, pero' dan l-insenjament hu skartat mill-parti l-kbira tas-sentenzi. Fil-kawza deciza fit-13 ta' Jannar 1995 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili[19] fl-ismijiet **Josephine Desira nomine vs Joseph Cassar**, osservat:- *"Hu naturali li bhala konsegwenza tal-mewt l-inkapacita' lavorattiva tad-decujus hi totali w id-dizabilita' ghax-xoghol hi ta' mija fil-mija.* ***Mill-banda l-ohra hu wkoll ovvju illi d-danni konsegwenzjali ghall-incident ma jsofrihomx id-decujus imma l-armla w uliedu****. Il-ligi tispecifika l-eredi imma gie kostantement u korrettement ritenut fil-gurisprudenza li dawn ghandhom jinkludu wkoll l-armla anke jekk hi ma hijiex strettament jew dejjem eredi tieghu….. Bhala konsegwenza tal-mewt l-armla u l-ulied jonqsilhom is-sostenn materjali ta' min jipprovdilhom il-mezz ta' l-ghixien u ghal dan il-konvenut ghandu jaghmel tajjeb."* (ara wkoll is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Onor. Imhallef P. Sciberras) fil-kawza fl-ismijiet **Angelo Galea et vs Silvio Piscopo** deciza fit-3 ta' Ottubru 2003.

[19] Onor. Imhallef J. Said Pullicino. Sitwazzjoni li tidher li tapplika wkoll taht il-ligi Taljana ghal dak li jirrigwarda danni patrimonjali – *"in generale, con riguardo ai congiunti, e' stato anche di recente ribadito l'orientamento antico secondo cui in ipotesi di uccisione della persona I congiunti sono legittimati ad agire per il risarcimento iure proprio e non iure hereditatis"* (G. Visintini, Trattato Breve della Responsabbilta' Civile, Cedam 1996 pagna 407).

"12. Fiz-zmien ta' l-incident (bidu ta' Frar 1998) Eucharistico Cassar kien jokkupa l-kariga ta' Gunner fl-Armata. Fis-sena 1998 id-dhul kien ta' tlett elef disgha mija u tlieta u sebghin lira Maltija (Lm3,973)[20] u kellu *allowance* ta' Lm449.28 ghax-xoghol tal-Hadd ghall-kariga ta' Gunner. Irrizulta wkoll li minn meta sehh l-incident sas-sena 2004 il-paga ta' Gunner zdiedet u l-massimu kien ta' erbat elef erba mija u sittin lira Maltija (Lm4,460). Il-vittma twieled fit-8 ta' Jannar 1960[21], ghalhekk fid-data ta' l-incident (Frar, 1998) kellu tmienja u tletin (38) sena. Jirrizulta wkoll li l-mejjet kellu xoghol fuq bazi part-time. Fl-1996[22] kellu xoghol part-time ma' certu Tarcisio Azzopardi li hallilu qliegh ta' hames mitt lira Maltija (Lm500), pero' huwa ma baqax jaghmel dan l-impjieg wara l-1 ta' Awwissu 1996[23]. Mill-provi jirrizulta li f'Lulju 1997 rega' beda jahdem part-time ma' Tarcisio Azzopardi. Skond dan Azzopardi ***"bejn Lulju 1997 u t-3 ta' Frar 1998, cioe` sal-mewt tieghu, Cassar hadem 445 siegha u ghal dan ix-xoghol jiena hallastu Lm778.75"***[24]. Ghalkemm mill-provi rrizulta li f'xi zmien Eucharistico Cassar kien ukoll jahdem bhala part-time barman[25] u kellu l-bar ukoll tal-klabb tal-futbol Xewkija Tigers[26], mill-provi ma rrizultax li fiz-zmien tal-incident kien ghadu qieghed jaghmel dan ix-xoghol. Il-Qorti tqis li d-dhul annwali li fuqu ghandha tibbaza l-kalkoli taghha ghandu jkun ta' hamest elef u mitejn lira Maltija (Lm5,200) fis-sena.

"13. Dwar il-multiplier, il-Qorti ser taddotta perjodu ta' sbatax-il (17) sena in kwantu mill-provi rrizulta li fiz-zmien ta' l-incident Eucharistico Cassar kellu 38 sena, u dan mehud ukoll in konsiderazzjoni l-kontigenzi tal-hajja futura. Ma jirrizultax li l-mejjet kien qieghed ibaghati minn xi mard. Hemm decizjonijiet fejn il-Qrati akkordaw terminu li jestendi sa l-eta` pensjonabbli (*ad exemplum*, "**Kevin Agius –vs- Colin Murphy**", Qorti tal-Kummerc, 23 ta'

---

[20] Ara dokument a fol. 249 prezentat fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2004 mill-Maggur Alfred Attard.
[21] Fol. 219.
[22] Fol. 220.
[23] Ara affidavit ta' Tarcisio Azzopardi a fol. 238.
[24] Fol. 238.
[25] Fol. 230
[26] Fol. 236-239.

Marzu 1990). Madankollu hemm ukoll gurisprudenza (li hi fil-maggior parti) li tqies ic-"*chances and changes of life*" (Ara "**Karen Zimelli –vs- Michael Sammut**", Prim' Awla, Qorti Civili, 15 ta' Gunju 1993). F' din l-ahhar sentenza gie adottat *multiplier* ta' 30 sena ghal persuna li fiz-zmien ta' l-infortunju kellha biss ghoxrin (20) sena.

"14. L-incident ilu li sehh ftit iktar minn disgha (9) snin u l-kawza giet prezentata fit-18 ta' Frar 1999. Ghalhekk ghal finijiet ta' tnaqqis ghal *lump sum payment* il-Qorti ser tnaqqas 4% applikat il-principju li llum ilu maghna minn meta nghatat is-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Mark Caruana vs Grazio sive Horace Camilleri** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili[27] deciza fil-5 ta' Ottubru 1993.

"15. Ghandha wkoll tigi kkunsidrata l-kwistjoni ta' ***dependency issue***. Huwa affermat li l-eredi tal-mejjet ghandhom dritt ghar-rizarciment tad-danni kontra d-danneggjant anki jekk ma jkunux strettament dipendenti fuq il-vittma. Tezisti xi gurisprudenza li tghid li l-kwistjoni ta' *dependency issue* m'ghandhiex tigi kkunsidrata f'kazijiet ta' mewt. Ghalkemm huwa minnu li applikat dan il-principju u dak tal-*own consumption* jista' facilment ikollok sitwazzjoni fejn id-danni f'kaz ta' mewt (rizultat ta' kaz illecitu) ser ikunu inqas minn dawk dovuti ghal semplici menomazzjoni fizio-pskika konsegwenti mill-istess fatt, wiehed ma jridx jinsa li l-azzjoni moghtija lill-eredi taht l-Artikolu 1046 tal-Kodici Civili hi *iure proprio* u mhux *ope successionis*. Mela huma m'humiex jirraprezentaw l-interessi u d-drittijiet tad-decujus imma l-interessi personali taghhom. Fil-kawza hawn fuq citata fl-ismijiet **Ronald Petrie et vs Sebastiano Ciappara** deciza mill-Qorti ta' l-Appell gie osservat:- *"Certament peress illi l-ghoti u specjalment il-mizura ta' dan l-indenniz hija mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, in-nuqqas jew, konversament il-grad ta' dipendenza ta' l-eredi mill-mejjet jistghu jkunu cirkostanzi li jittiehdu f'konsiderazzjonijiet fil-likwidazzjoni ta' l-ammont, imma d-dipendenza ma hix kondizzjoni biex dak l-indenniz jista' jinghata"*. Jirrizulta li l-ahhar gurisprudenza tal-Qorti ta' l-Appell baqghet

---

[27] Onor. Imhallef Joseph Said Pullicino.

tapplika l-kuncett ta' *dependency issue* meta tasal ghal likwidazzjoni ta' danni f'kaz ta' mewt ta' persuna, fis-sens li mis-somma likwidata titnaqqas percentwali fejn l-atturi ma jkunux dipendenti tal-mejjet. Hekk per ezempju fil-kawza deciza fit-28 ta' Novembru 2003 mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Anthony Turner et vs Francis Agius**, gie sottolinejat:- *"Il-Qorti trid mill-gdid taghmiha cara li f'kazi bhal dawn ma tezisti l-ebda formula magika, specjalment meta l-akkadut ikollu konsegwenzi fatali. Tifhem ukoll li hemm differenza f'sitwazzjoni fejn si tratta ta' mewt ta' kap ta' familja li, minnu din tkun qeghda tiddependi direttament, ghaz-zamma u ghixien taghha ghal xi sitwazzjoni ohra fejn invece si tratta ta' membru iehor tal-familja li qeghda tghix fi hdanha u li fin-normalita` tal-hajja l-probabbilita` tkun li din tiehu l-istat taghha u tmur tghix ghar-rasha."* F'dik il-kawza l-Qorti qablet mar-ragunament li kien ghamel il-perit legali fejn irriduca l-ammont likwidat b'zewg terzi (2/3). Hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Micallef St. John et vs Richard Spiteri et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Jannar 2002, gie applikat dan il-principju u mill-ammont likwidat il-Qorti naqset 50% ghaliex l-atturi ma kienux dipendenti tal-vittma. L-istess gara fil-kawza fl-ismijiet **Guzeppi Agius set vs Tarcisio Fenech** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Ottubru, 2003:- *"Pero` jigi rilevat li l-ligi taghna, kif inhi llum, (ara Artikoli 1045 u 1046 tal-Kap 16) ma titkellem xejn fuq "dependancy" ghal fini tal-komputazzjoni tad-danni u* ***kienu biss il-qrati li, b'sens ta' gustizzja u ekwita`, introducew dan l-aspett innovattiv fis-sistema guridika taghna****"*. Anke hawn il-Qorti naqset 50% ghaliex l-atturi ma kienux dipendenti tal-vittma. Fil-kawza fl-ismijiet **Neville Desira et vs Grech & Company Limited et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Dicembru 2005 il-Qorti regghet ikkonfermat dan il-principju pero' ma ghamlet l-ebda tnaqqis ghaliex l-atturi kienu mart u wlied il-mejjet u kienu dipendenti tieghu. Wiehed ghandu jifhem li dan il-principju baqa' jigi applikat matul dawn is-snin kollha in kwantu l-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili ghal dak li jikkoncerna likwidazzjoni ta' danni jipprovdi li l-Qorti ghandha tqies ***"ic-cirkostanzi tal-kaz"***. Wahda minn dawn ic-cirkostanzi hi jekk il-werrieta li jfittxu ghad-danni humiex dipendenti tal-mejjet. F'dan ir-rigward il-Qorti ta' l-

Appell fis-sentenza **Carmela Fenech proprio et nomine vs Antonio Galea** deciza fid-9 ta' Marzu 1956[28] osservat li taht il-kappa ta' *"cirkostanzi tal-kaz"*:- *"Ghandu wkoll jitqies li l-mejjet kien izomm lill-martu u lill-uliedu bhala uniku sostenament taghhom, u ghalhekk il-qliegh tieghu futur kien ikun prezumbilment destinat ghalihom, u kien ikun il-vantagg ekonomiku li huma kienu jikkonsegwixxu kieku l-kap tal-familja baqa' haj……..".* L-atturi huma omm u l-ahwa tal-mejjet. Fic-cirkostanzi din il-Qorti qeghda taddotta l-istess ragunament b'dan pero' li ser tirriduci l-ammont li ser jigi likwidat pero' b'erbghin fil-mija (40%) mehud in konsiderazzjoni li:-

"(a) Ma jirrizultax li fiz-zmien tal-incident Eucharistico Cassar kien qieghed jissoministra xi ghajnuna finanzjarja lill-atturi jew lil xi hadd minnhom;
"(b) Il-mejjet ma jirrizultax li kien qieghed jipprepara ghaz-zwieg jew kien f'xi relazzjoni;
"(c) Ma jirrizultax li l-mejjet kellu tfal;
"(d) Ma jirrizultax li kieku baqa' haj l-eredi tieghu kien ser ikun haddiehor;
"(e) Mhux necessarjament id-dhul kollu li kien ser jibqaghlu minn dak li jirnexxielu jfaddal, kienu ser igawduh l-atturi;
"(f) Il-vittma kien ghadu jghix id-dar flimkien ma' ommu;
"(g) Fiz-zmien ta' l-incident il-vittma kellu diga' tmienja u tletin (38) sena;
"(h) Facilment wiehed jista' jikkunsidra li l-vittma kien 'il quddiem jaghti ghajnuna finanzjara lill-ommu. Certament li bil-mewt ta' binha, l-omm tilfet il-possibilta' li jkollha l-ghajnuna finanzjarja tieghu fil-futur.

"Kif tajjeb osserva Lord Diplock fil-kaz **Cookson v Knowles** (1979)[29]:-

"*"This kind of assessment, artificial thought it may be, nevertheless calls for consideration of a number of highly speculative factors, since it requires the assessor to make assumptions not only as to the degree of likelihood that*

[28] Vol. XL.i.70.
[29] The Modern Law of Negligence, R.A. Buckley, Tieni Edizzjoni, Butterworths pagna 182.

*something may actually happen in the future, such as the widow's death, but also as to the hypothetical degree of likelihood that all sorts of things might happen in an imaginary future in which the deceased lived on and did not die when in actual fact he did. What in that event would have been the likelihood of his continuing in work until the usual retiring age ? Would his earnings have been terminated by death or disability before the usual retiring age or interrupted by unemployment or ill-health ?"*.

"16. Hemm ukoll il-kwistjoni jekk ghandhiex issir riduzzjoni ghal dak ta' ***own consumption*** li normalment tkun ta' 25% bhala rata ta' konsum misthajjel li l-vittma kienet "tiekol" jew "tonfoq" mill-ammont li qieghed jigi likwidat[30]. Huwa minnu li kif rajna l-azzjoni ezercitata mill-atturi m'hijiex *jure haereditatis* in kwantu fid-data tal-mewt il-beni ma kienux diga' fil-patrimonju tal-mejjet, izda hija azzjoni li l-atturi ghandhom bhala dritt proprju[31]. Il-ligi tikkontempla li l-eredi bhala tali ghandhom id-dritt li jirreklamaw d-danni. Fir-rigward tat-telf ta' qliegh li jigi likwidat, m'hemmx dubju li parti minn dik is-somma kienet ser tigi wtilizzata mid-decujus ghall-konsum tieghu. Fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell (hawn fuq citata) fl-ismijiet **Emmanuela Galea pro et noe vs Paolo Gatt et** gie osservat:- *"pero', mill-banda l-ohra, il-ligi, biex tkun gusta, ghandha tassigura illi t-telf pekunjarju u patrimonjali li bata min sofra l-hsara ghandu jkun, kemm jista' jkun, pjenament rizarcit. Il-principju hu li l-patrimonju tal-vittma tal-hsara ghandu jigi, jekk jista' jkun, interament reintegrat. Ghalhekk il-ligi, barra l-kumpens ghat-telf attwali ta' qliegh jew paga,……, taghti wkoll kumpens fil-kaz ta' mewt ghat-telf ta' paga jew qliegh futur. L-eredi tal-mejjet – f'ligijiet ohra d-dipendenti tieghu – ghandhom, kemm jista' jkun jitqeghdu fl-istess posizzjoni li fiha kienu jkunu kieku d-disgrazzja ma gratx"*. F'dan ir-rigward fis-sentenza **Carmela Fenech proprio et nomine vs Antonio Galea**

[30] Ara sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet:- **Anthony Turner et vs Francis Agius** deciza fit-28 ta' Novembru 2003 u **Neville Desira et vs Grech & Company Limited et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Dicembru 2005.
[31] Ara f'dan is-sens sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Onor. Imhallef P. Sciberras) fil-kawza fl-ismijiet **Angelo Galea et vs Silvio Piscopo** deciza fit-3 ta' Ottubru 2003 u li ma jirrizultax li giet appellata.

deciza fid-9 ta' Marzu 1956 (gja citata), il-Qorti kkonfermat li l-konsum tal-vittma huwa wiehed mic-cirkostanzi li ghandu jigi meqjus mill-Qorti fil-likwidazzjoni tad-danni. Fil-kawza deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili[32] fit-13 ta' Jannar 1995 fl-ismijiet **Josephine Desira noe vs Joseph Cassar** (gja' citata) gie osservat:- *"……..**Naturalment wiehed jehtieg ukoll iqies il-fatt illi bil-meewt wiehed ma jkunx irid jipprovdi ghall-htigijiet ta' l-istess decujus. Hu ghalhekk gust illi allura jittiehed in konsiderazzjoni ta' dan il-fattur billi d-danni jigu kalkolati fuq ammont ta' qliegh fis-sena li jkun anqas minn dak li jkun attwalment qala' d-decujus…….**".* Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti ser tnaqqas hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) mis-somma li ser tigi likwidata bhala danni.

"17. Ghalhekk is-somma dovuta mill-konvenut Paul Cardona in lineja ta' danni hi ta' (Lm5,200 x 17 – 4% - 40% - 25%) **tmienja u tletin elf mija u disgha u tmenin lira Maltija (Lm38,189).**"

## L-APPELL TAL-KONVENUT PAUL CARDONA

2.1. Il-konvenut Paul Cardona hassu aggravat bis-sentenza surreferita u interpona appell minnha fuq l-aggravji li, in succint, huma dawn li gejjin:

(i) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi meta ghazlet certi provi u skartat "provi importanti li kellhom iwasslu ghall-grad tal-probabbli li l-konvenut appellant Paul Cardona ma kellux jirrispondi u ma kellu l-ebda htija u personali (sic) ghall-mewt ta' Eucharistico Cardona"

Fost dawn id-diversi provi, l-appellant isemmi ghad ta' punti li jinsabu elenkati fin-nota ta' osservazzjonijiet li huwa u martu pprezentaw quddiem l-ewwel Qorti f'pagna tlieta tan-nota. Jghid li ma setghax kien hu "li huwa xellugi" li spara l-arma kif gie ritenut skorrettement mill-Qorti. Anke jekk jigi ritenut li l-vittma ma riedx jikkommetti suwicidju, certament jirrizulta li kien hemm "negligenza

[32] Onor. Imhallef Joseph Said Pullicino.

grossolana" min-naha tieghu i.e. tal-vittma. Hafna mis-sottomissjonijiet dwar il-fatti tal-kaz gew similment skartati ingustament mill-ewwel Qorti, fosthom il-fatt li hu ma kienx liebes ingwanti fil-lejl in kwistjoni u ebda marki ta' swaba ma nstabu fuq l-arma. L-appellant lanqas kien inghata tahrig adegwat kif juza l-arma jew l-aspetti ta' uzu "safe" taghha.

(ii) Bla pregudizzju ghall-aggravji dwar il-htija ghall-incident in dizamina, l-appellant jilmenta wkoll mill-"multiplier" ta' sbatax (17)-il sena mehud mill-Qorti meta l-vittma gia` kellha tmienja u tletin (38) sena meta mietet u kien ghad fadlilha biss ghaxar (10) snin biex tikkonkludi s-servizz taghha militari. Ghalhekk, il-perjodu kellu jkun dak inferjuri ta' ghaxar (10) snin u mhux dak ta' sbatax (17)-il sena.

(iii) L-ewwel Qorti applikat hazin ukoll it-tnaqqis minhabba d-"dependency issue". Skond sentenza ricenti tal-Qorti tal-Appell, "l-ammont likwidat kellu jitnaqqas ferm aktar minn dak li applikat f'din il-procedura l-ewwel Qorti, meta rriducietu biss b'erbghin fil-mija (40%)".

It-talbiet attrici ghalhekk ghandhom jigu michuda u dan billi s-sentenza appellata tigi revokata u jigi milqugh dan l-appell bl-ispejjez.

**<u>IR-RISPOSTA TAL-ATTURI APPELLATI</u>**

3. L-atturi appellati wiegbu li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

Fil-mertu huma jsostnu li whud mill-punti dwar il-fatti tal-kaz li jaghmel l-appellant huma skorretti u ohrajn huma minghajr rilevanza ghar-rizoluzzjoni tal-appell. Dwar l-ipotesi ta' suwicidju, l-ewwel Qorti skartatha ghal aktar minn raguni wahda. Dwar l-uzu tal-arma, il-konvenut appellant ma messu qatt ipprova juzaha bil-mod inkonsult kif irrizulta.

Dwar l-aggravju rigwardanti l-"multiplier", apparti li l-argumenti tal-appellant ma jirrizultawx mill-provi, dan kien pjuttost wiehed baxx milli eccessiv.

Bl-istess mod, it-tnaqqis effettwat ta' erbghin fil-mija (40%), ghal fini ta' "dependency", l-appellati – bil-maqlub tal-appellant – jidhrilhom li "kien wiehed pjuttost gholi".

**<u>IR-RISPOSTA TAL-APPELLATI ONOREVOLI PRIM MINISTRU U L-KAP KMANDANT TAL-FORZI ARMATI</u>**

4. L-appellati konvenuti surreferiti min-naha taghhom wiegbu li "l-fatt li fuq il-wicc partikolari bhal ma hu dak tal-arma in kwestjoni ma jinstabux impronti digitali ma jfissirx li fil-verita` dik l-arma ma tkunx giet maqbuda ("gripped") minn xi hadd".

Il-provi juru li tahrig adegwat inghata lis-suldati u li "dawn fehmu l-ordnijiet" li nghataw dwar uzu tajjeb ta' dawk il-pistoli. Din l-arma, imbaghad, lanqas ma kienet daqstant differenti minn pistoli semi-awtomatici ohra f'dak li huwa mekkanizmu u funzjoni. "Regolament bazi fl-Armata (hu), illi arma hi x'inhi, m'ghandha qatt tigi ppuntata lejn persuna…" u dan taht ebda cirkostanza.

Is-sentenza appellata ghahekk timmerita konferma kif moghtija, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

5. Din hija kawza ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni in konsegwenza ta' incident fuq il-lant tax-xoghol li wassal ghall-mewt ta' Eucharistico Cassar, guvni ta' tmienja u tletin (38) sena, li kien arrwolat bhala "gunner" mal-Forzi Armati ta' Malta.

Il-mewt sehhet b'rizultat ta' sparatura minn pistola waqt li Cassar kien qieghed fil-process li jiehu "over" id-dmirijiet tieghu fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Frar 1988 fil-"barracks" militari li jinsab f'tal-Qortin fin-Nadur, Ghawdex. Mill-provi rrizulta li l-vittma gie ferut mortalment minn tir wiehed li gie sparat minn arma tan-nar. It-tir laqtu f'rasu u l-mewt

kienet wahda zoptu. Il-qraba tal-vittma, werrieta tieghu, azzjonaw lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex jigu dikjarati responsabbli ghas-sinistru, jigu likwidati d-danni kagjonati u fl-ahharnett, ikkundannati jhallsu lilhom l-istess danni. Kif jirrizulta mis-sentenza tal-ewwel Qorti li tinsab inkorporata fil-korp ta' din is-sentenza, l-ewwel Qorti sabet lill-konvenut Paul Cardona unikament responsabbli ghall-mewt ta' Eucharistico Cassar u kkundannatu jhallas l-ammont ta' Lm38,189.00c, illum ekwivalenti ghall-ammont ta' €88,956.44c (tmienja u tmenin elf disa' mija u sitta u hamsin euro u erbgha u erbghin euro centezmi) in linea ta' danni, oltre interessi u spejjez ta' kawza.

6. Jirrizulta li fil-mument tas-sinistru prezenti fil-kamra flimkien ma' Cassar, kien hemm prezenti mieghu zewg kollegi ohra tieghu, jigifieri l-imsemmi Paul Cardona, ko-konvenut, kif ukoll Laurence Galea.

Il-punt in kontestazzjoni, apparti l-aspett dwar il-*quantum* tad-danni li gew likwidati (li pero` huwa punt konsegwenzjali ghal dak rigwardanti r-responsabbilita`), huwa dwar min ezattament spara l-arma li kkagunat il-mewt ta' Cassar. L-appellant ghadu jsostni li ma kienx hu li spara l-arma biex b'mod involontarju laqat u qatel lil Eucharistico Cassar imma kien invece l-vittma stess li gibed il-grillu u kkaguna l-mewt tieghu stess.

7. L-ewwel Qorti, wara li semghet u gharblet il-provi prodotti, ikkonkludiet li hija "m'ghandha l-ebda dubju li l-arma tan-nar giet sparata mill-konvenut Paul Cardona". Hija waslet ghal din il-konkluzjoni a bazi ta' diversi ragunijiet. In partikolari hija ghamlet riferenza ghat-tieni stqarrija rilaxxjata mill-konvenut Cardona fil-kors tal-interrogazzjoni tieghu min-naha tal-pulizija, liema stqarrija huwa rega' kkonferma bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti, kif wkoll ghad-depozizzjoni moghtija mill-espert forensiku Dottor Mario Scerri dwar il-posizzjoni tal-ferita (i.e. wara l-widna) u l-posizzjoni orizzontali tal-arma fil-mument li giet sparata li jimmilitaw kontra l-ipotesi ta' suwicidju. Irreferiet ukoll ghax-xhieda moghtija minn Laurence Galea li kien prezenti fil-kamra fejn sar u fil-hin proprju tal-incident li tikkorobora t-tezi tal-omicidju

involontarju. Il-Qorti tal-ewwel grad kienet assolutament konvinta ("…il-provi juru bla ebda ombra ta' dubju li l-arma ma kenitx sparata mill-vittma") sija li l-vittma ma kienx spara l-arma kif ukoll li hadd hlief l-imsemmi Paul Cardona ma kien implikat direttament fl-isparatura *de quo*. Sabet inoltre li l-agir ta' Cardona "kien certament wiehed ta' negligenza grossolana u traskuragni meta pponta arma tan-nar ma' ras il-kollega tieghu u sahansitra spara".

Dwar dawk il-punti sollevati mill-konvenut appellant in proprja diskolpa, hawn ukoll l-ewwel Qorti esprimiet ruhha b'mod kategoriku, fis-sens li l-htija ghas-sinistru kienet ta' Paul Cardona u tieghu biss. Saret riferenza mill-Qorti ghat-tahrig li nghata mill-awtoritajiet militari fl-uzu ta' arma tan-nar u r-regolamenti gwida u bazici dwar tali uzu. Ikkunsidrat ukoll il-punt dwar in-nuqqas ta' sejbien ta' impronti digitali fuq l-arma uzata – assenza li *per se*` ma teskludix il-fatt li ma kienx il-konvenut Cardona li spara l-arma. Semmiet ukoll il-prezenza u "l-kwantita` ta' G.S.R." li nstabet fuq l-"i*swab*" li ttiehdet minn fuq il-hwejjeg tal-appellant Cardona.

8. Din il-Qorti, wara gharblet mill-gdid il-provi akkwiziti, hija tal-ferma konvinzjoni li l-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti dwar responsabbilita` hija ghal kollox gusta u korretta. Il-preponderanza tal-provi turi indubbjament li, fil-mument tal-"handing over" tal-arma (pistola) mill-konvenut Paul Cardona lil siehbu Eucharistico Cassar, din l-arma hadha f'waqt minnhom partikolari f'idejh l-istess Cardona bla ma qabel qies, kif kellu l-obbligu li jaghmel, jekk il-"magazine" kienx qieghed separat minn mal-arma u b'mod ukoll li ebda "bullet" ma kienet qeghda fil-"barrel" biex tigi sparata. L-istess Cardona in segwitu ppunta l-arma ma' ras Cassar u sahansitra ghadda biex jigbed il-grillu tal-istess arma u din hadet.

Issa apparti l-konsiderazzjoni li ghal dak li jirrigwarda apprezzament ta' provi, din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment tali apprezzament jekk mhux ghal raguni gravi u b'hekk tevita milli ssir xi ingustizzja, din il-Qorti m'ghandha ebda dubju dwar il-htija tal-konvenut Paul

Cardona fit-termini u ghar-ragunijiet approfonditi msemmija mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha.

9. Hu aktar minn ovvju li dak li jintenta jaghmel il-konvenut Paul Cardona fir-rikors ta’ appell tieghu huwa li jipprova jsib xi punt jew punti li maghhom jista’ jibni argument fi sforz biex jizgancja ruhu mill-htija ghal dak li sehh. Huwa jaghmel riferenza ghan-nota ta’ osservazzjonijiet li pprezenta quddiem l-ewwel Qorti u jillanja mill-fatt li kien hemm punti minnhom li gew injorati ghal kollox mill-ewwel Qorti.

10. Din il-Qorti tibda billi tirrileva l-ewwel nett li, fil-bicca l-kbira taghhom, dawn is-sottomissjonijiet tal-konvenut gew debitament ikkunsidrati, u mhux allura injorati mill-ewwel Qorti kif qieghed jillanja l-appellant konvenut. Dwar in-nuqqas ta’ sejbien ta’ impronti digitali fuq l-arma, dan l-argument gia` ssemma’ *supra* fis-sens li dan il-fatt *per se*` ma jeskludix l-uzu tal-arma mill-konvenut. Bl-istess mod, il-fatt li ebda tracci ta’ demm tal-vittma ma nstabu fuq persuntu jew hwejjgu – ghalkemm ghandu certament ir-rilevanza tieghu, xorta wahda ma jeskludix intervent min-naha tal-appellant. Il-konvenut Cardona jaghmel ukoll hafna enfasi fuq il-fatt li ma nstabu ebda tracci ta’ “gunshot residue” taht id-dwiefer tieghu, bil-maqlub tal-fatt li dawn it-tracci “instabu fuq kull min prezenti fil-kamra skond kemm kien vicin tal-mejjet”. Issa huwa minnu li l-ewwel Qorti ma jidhirx li tat xi riljev lil dan il-fatt, izda ghandu jinghad li fuq il-hwejjeg tieghu tali G.R.S. instabu u li l-kwantita` misjuba kienet tinnewtralizza, sa certu punt, l-argument tal-konvenut taht dan l-aspett probatorju. Jissottometti inoltre l-konvenut li l-vittma wkoll kellu l-obbligu li josserva s-“safety precautions” bhal kull suldat iehor meta jigi biex jiehu arma f’idejh. Dan hu kollu minnu u hadd ma qed jinnegah imma hawn ukoll ma hemm ebda gustifikazzjoni ghall-agir inkonsult da parti ta’ Cardona kif gia` ssemma’ *supra*. Barra minn dan, il-konvenut jghid li huwa m’huwiex xellugi u kwindi ma setax spara min-naha tal-lemin kif jirrizulta li kien il-kaz.

11. Ghandu jinghad li, minkejja l-validita` ta’ whud mill-punti surreferiti, il-konvenut Paul Cardona htieglu

jiskavalka l-ostakolu ferm oneruz derivanti mill-fatt li ghal darba darbtejn il-konvenut Paul Cardona ammetta li kien hu li spara u laqat lill-vittma Cassar u mhux li kien il-vittma stess li spara l-pistola, kif qed jipprova jargomenta. Huwa minnu li fl-ewwel stqarrija tieghu mal-pulizija, l-imsemmi konvenut ma jammettix li kien hu li spara imma fit-tieni stqarrija tieghu, ikkonfermata bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti huwa biddel l-ewwel verzjoni tieghu u ammetta htijietu. Rinfaccjat b'tali stat ta' fatt, il-konvenut Paul Cardona jaghmel l-ghalmu tieghu biex ixejjen din l-ammissjoni billi jallega li ntuzat pressjoni fuqu (fatt li pero` ma jirrizultax mill-provi) u li kien taht biza'. Issa huwa naturali li persuna li tghaddi mit-trawma li ghadda minnha l-konvenut, li din tkun fi stat ta' perplessita` u nkwiet imma xejn ma juri li ntuzat xi pressjoni illecita fuqu waqt l-inkjesta. Multo magis meta jirrizulta li din l-ammissjoni giet ikkonfermata minnu quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Minbarra dan, din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, gharblet sew id-depozizzjoni tal-appellant, komprizi r-risposti tieghu moghtija fil-kors tal-kontro-ezami bir-rizultat li hija sahhet il-fehma taghha li hawn hu kaz fejn il-konvenut appellant beda "jipprova jiggranfa" ma' kull tentufa bl-iskop ewlieni li jiskolpa ruhu mill-htija. Apparti wkoll li d-depozizzjoni, moghtija minn Laurence Galea tkompli timmilita kontra t-tezi ta' suwicidju avvanzata min-naha tal-appellant. Bl-istess mod, hemm imbaghad ix-xhieda moghtija minn Silvio Tabone, "gunner" mal-Forzi Armati, li semma' d-diskors li sar bejnu u bejn l-appellant ftit hin wara l-akkadut. Ghalhekk, li wiehed jallega, kif isostni l-appellant fl-appell tieghu, li "l-ewwel Qorti strahet semplicement fuq erba' domandi li saru in kontro-ezami lill-appellant" huwa manifestament skorrett. Fl-ahharnett l-appellant jghid li ebda konsiderazzjoni ma nghatat mill-ewwel Qorti ghall-fatt li hawn si trattava ta' arma gdida li nghatat proprju dak il-jum stess li sehh l-incident u bla ma nghata tahrig dwarha. Anki hawn l-appellant huwa zbaljat. Hemm provi sufficjenti li juru mhux biss li t-tahrig kien inghata lis-suldati, kompriz il-konvenut u l-vittma, u li f'kull kaz bhala teknika, funzjonament u uzu tal-arma tan-nar *de quo* lanqas kien hemm xi differenzi kbar minn armi ohrajn ta' ghamla differenti. Apparti dejjem, il-punt krucjali li l-konvenut ma messu qatt qieghed l-arma ppuntata lejn

persuna u jaghfas il-grillu. Kien sewwa sew ghalhekk li l-ewwel Qorti gustament iddeskriviet tali agir bhala wiehed traskurat u negligenti b'mod "grossolan". Bir-rispett kollu, kulma jaghmel l-appellant fix-xhieda tieghu huwa ezercizzju ta' konvenjenza bil-ghan li jipprova, bla ma pero`, jirnexxilu, jiskariga htijietu billi jixhetha jew fuq il-vittma bit-tezi tas-suwicidju jew billi jghid li l-provi ma kenux sufficjenti biex jirradikaw responsabbilta` min-naha tieghu, jew billi jghid li ma nghatawx tahrig kif suppost mill-awtoritajiet militari rapprezentati f'din il-kawza mill-Kap Kmandant bhala ko-konvenut. L-appellant jipprova jaghmel dan ukoll billi jkun silettiv fil-memorja tieghu fir-rigward tal-fatti. Fejn dawn ixaqilbu lejh jghid li dawn huma veritajiet izda fejn, ixaqilbu kontrieh (fosthom l-ammissjoni tieghu stess) jghid li din il-parti mill-provi ma kenitx wahda veritjera imma falza.

Din il-Qorti jidhrilha li ma hemm xejn skorrett f'dak li gie ritenut mill-Qorti tal-ewwel grad dwar responsabbilta` – fis-sens li din kellha tkun unikament a karigu tal-konvenut Paul Cardona – u ghalhekk l-ewwel aggravju huwa infondat u qieghed jigi respint.

**<u>L-AGGRAVJU DWAR IL-"MULTIPLIER"</u>**

12. It-tieni aggravju jirreferi ghall-mekkanizmu li gie addottat mill-ewwel Qorti biex tillikwida d-danni skond l-appellant, "multiplier" ta' sbatax (17)-il sena kien wiehed zbaljat u ma kellu qatt *se` mai* jissupera l-ghaxar (10) snin. Dan ghaliex il-vittma, li kellu tmienja u tletin (38) sena meta miet, ma kienx ghad fadallu aktar minn ghaxar (10) snin biex jiehu l-pensjoni "in full".

Bir-rispett kollu, dan l-argument, ghalkemm superficjalment jista' ghall-ewwel jidher wiehed validu, fir-realta` izda m'huwiex hekk. Apparti li m'hemmx provi li jiddimostraw sufficjentement l-eta` tal-irtirar tal-vittma u kemm rata ta' pensjoni kien ikun intitolat jaqbad fil-kaz li huwa baqa' haj, tibqa' dejjem il-konsiderazzjoni l-ohra li l-appellant qieghed jassumi li darba li l-vittma tilhaq l-eta` ta' tmienja u erbghin (48) sena u tikkwalifika skond hu ghall-pensjoni, allura bilfors ifisser li l-hajja lavorattiva ta'

Cassar tkun sfat terminata inezorabbilment. Imma din m'hijiex ipotesi valida ghax il-probbabbilita` hija li l-vittma kienet tfittex xoghol iehor. Il-provi fil-fatt juru li l-vittma kien bniedem biezel u kien jahdem addizzjonalment minn zmien ghall-iehor, fuq bazi "part-time" ta' "barman" u ghamel anke zmien jiggestixxi l-bottegin ta' klabb tal-futboll. Biex jilhaq l-eta` tal-irtirar meta din kienet dik ta' wiehed u sittin (61) sena (illum din qeghda tittawwal gradwalment ghal wahda li twassal sa hamsa u sittin (65) sena) il-vittma kien ghad jonqsu tlieta u ghoxrin (23) sena. Proprju minhabba li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni c-"chances and changes of life" kif inghad, per ezempju, in re: **Karen Zimelli v. Michael Sammut**, Prim Awla, 15 ta' Gunju 1993 u f'bosta decizjonijiet ohra li l-ewwel Qorti <u>irriduciet</u> il-"life expectancy" kif relatata mal-hajja tax-xoghol ghal wahda bbazata fuq firxa ta' hamsa u hamsin (55) sena (38+17). Ghalhekk zgur ma jistax jinghad li kien hemm xi thaddim ta' mekkanizmu sproporzjonat jew eccessiv taht dan l-aspett. Isegwi mela li dan it-tieni aggravju huwa infondat u qieghed jigi respint.

13. It-tielet u l-ahhar aggravju huwa relatat ukoll mal-likwidazzjoni tal-*quantum*. Skond l-appellant, l-ewwel Qorti applikat hazin it-tnaqqis li ghamlet minhabba l-aspett ta' dipendenza tal-beneficcjarji tieghu ("dependency issue") billi jissottometti li l-ammont likwidat "kellu jitnaqqas ferm aktar minn dak li applikat f'din il-procedura l-ewwel Qorti, meta rriducietu biss b'erghin fil-mija (40%). "L-appellant jiccita b'sostenn dak li gie deciz fil-kawza **Mizzi et v. Genovese**, Qorti tal-Appell tat-3 ta' Marzu 2006".

14. Din il-Qorti, wara li qieset dak li gie sottomess, hija tali fehma li lanqas hawn ma huwa l-kaz li teffettwa xi varjazzjoni mid-diskrezzjoni adoperata mill-ewwel Qorti. Huwa maghruf li kull kaz ikollu l-fattispecji partikolari attinenti ghalieh u dak in ezami m'huwiex l-eccezzjoni. Hu minnu li l-vittma ma kienx, per ezempju, "il-missier" jew "il-kap tal-familja" imma mill-banda l-ohra fl-eta` ta' tmienja u tletin (38) sena hu kien ghadu guvni jghix ma' ommu, li kienet armla, billi missieru kien gia` mejjet. L-ewwel Qorti ma qabditx u vvintat bla raguni grad ta' percentwal. Ghal

kuntrarju, hija tat elenku shih ta’ konsiderazzjonijiet varji qabel iffissat l-imsemmi percentwal. M’huwiex il-lok ghalhekk li din il-Qorti tiddisturba tali diskrezzjoni relattiva ghal-likwidazzjoni ta’ danni ghar-raguni li jirrizulta li din giet ezercitata b’mod ghaqli u korrett.

Ghalhekk dan l-aggravju qieghed ukoll jigi respint.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata, tichad l-appell interpost mill-konvenut Paul Cardona bl-ispejjez gudizzjarji relattivi ghal dan l-appell kontra tieghu, u b’dan li l-interessi legali jibdew jiddekorru mid-data tal-ewwel sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------